**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE K.C., B.A., LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 12 ta' Lulju 2002**

**Numru** **34**
**Citaz. Nru.** **1598/96 FDP**

**Anthony Vassallo**

**Vs**

**Charvin Press Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tal-15 ta' Mejju 1996 fejn gie premess:-

Illi l-attur huwa impjegat mas-socjeta` konvenuta bhala *machine operator* u fil-kors ta' l-impjieg tieghu huwa sofra griehi ta' natura permanenti fl-incident li sehh fid-19 ta' gunju 1995 meta kien

qed jaghmel riparazzjonijiet fuq il-*binding machine*;

Illi l-impjieg ordinarju ta' l-istanti mas-socjeta` konvenuta huwa dak ta' makkinista u mhux ta' *mechanic*;

Illi ghall-incident u ghall-griehi konsegwenzjali subiti mill-attur ghandha tirrispondi l-istess socjeta` konvenuta;

Illi nonostante li giet interpellata biex taddivjeni ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni l-istess socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` konvenuta hi fi htija ghall-incident li sehh fid-19 ta' Gunju 1995 fil-fabbrika ta' l-istess socjeta` konvenuta u f'liema incident l-istanti sofra griehi gravi u permanenti;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-istanti b'rizultat u b'effett tal-precitat incident, u

3. Konsegwentement tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lill-istanti s-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

Bl-interessi u bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Novembru 1995 u ta' l-ittri interpellatorji ta'l-10 ta' Lulju 1995, 30 ta' Ottubru 1995, 8 ta' Jannar 1996, 1 ta' Frar

1996 u 5 ta' Marzu 1996, kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-1 ta' Novembru 1996 tas-socjeta` konvenuta, fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur billi l-incidenti in kwistjoni ma garax tort tas-socjeta` konvenuta;

2. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramenta ta' Charles Calleja ghan-nom tas-socjeta' konvenuta u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digrieti taghha tat-28 ta' April 1998 u tat-22 ta' Lulju 1999 li permezz tieghu gew nominati l-esperti Carmel Cuschieri u Dr. Mark Chetcuti u d-digriet tal-15 ta' Marzu 2000 fejn gie nominat Dr. Frederick Zammit Maempel bhala espert mediku;

Rat ir-relazzjonijiet ta' l-isemmija esperti gudizzjarji

Rat in-noti pprezentati mil-abbli difensuri wara l-prezentata tar-rapport;

Semghet lix-xhieda prodotti;

Ezaminat is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attur ghamel din il-kawza ghad-danni wara li s-socjeta` konvenuta ma accettatx il-htija ghall-incident li sehh fid-19 ta' Gunju 1995 meta huwa sofra griehi gravi fuq il-post tax-xoghol waqt li kien qed jaghmel riparazzjonijiet fuq *il-binding machine.*

Provi:

Illi l-attur Anthony Vassallo xehed li ilu impjegat mas-socjeta` konvenuta bhala *binder* ghal 10 snin. Dak in-nhar ta' l-incident kien qed jirranga l-*conveyor belt tal-folder gluer* biex ma jkomplix jitqatta'. Spjega li dan ma kienx ix-xoghol ordinarju tieghu, peress li t-tiswijiet kienu jsiru minn certu Vince Grima, wiehed mill-imghallmin, u gieli anke kien jitqabbad il-handyman Faustino Scerri. L-attur xehed li peress li meta mejjel *l-adjustment shaft* il-*conveyor belt* xorta ma giex f'postu, kien issuggerixxa lis-sur Grima li kien hemm bzonn li *l-conveyor* belt jizzarma u jingibed bl-idejn. "*Is-sur Grima qalli*

*biex nesegwixxi x-xoghol jien. U jien hekk ghamilt* "L-attur zarma xi partijiet tal-magna li kienu jaghfsu fuq *il-conveyor belt* u gibed b'idu *l-conveyor belt* u gabu f'postu. Kif xeghel il-magna il-pala ta' idejh inqabdet bejn iz-zewg rombli u n-naha ta' taht *tal-conveyor belt.* Huwa cahad li kien nehha l-guard tal-conveyor belt;

Illi waqt l-access li sar fil-fabbrika, l-attur xehed f'aktar dettall u spjega li meta *l-conveyor belt* kien *aligned,* huwa xeghel *il-main switch* ta' mal-hajt imbaghad xeghel *l-iswitch* tal-magna u l-*motor switch. L-switch tal-conveyor belt* ma kienx mixghul. "*Kif appena kont ser nixghel il-buttuna tal-conveyor belt indunajt li kien hemm zewg bolts li ma kinux fejn dehrli li zarmajthom hemm. Billi fejn dehrli li hallejt il-bolts setghu waqghu u ghamlu hsara fil-conveyor belt jiena dahhalt idi bejn il-guard li hemm fil-genb u l-conveyor belt biex nara waqghux fuq il-conveyor belt. Li gara hu li accidentalment ilqatt b'koxxti mobile switch li bih tista ' tixghel il-conveyor belt biex jimxi li dak il-hin kien imwahhal mal-guard bil-konsegwenza li l-conveyor belt beda jimxi waqt li idi kienet hemm gew nipprova nhoss ghall-bolts li dehrli setghu waqghu.";*

Illi <u>Charles Calleja</u>, direttur tas-socjeta` konvenuta, xehed li l-attur kien ilu jahdem bil-magna in kwistjoni ghal xi hames snin u meta inqalghu xi "*minor defects/arrangements*" kien jirranghom hu taht is-supervizjoni ta' haddiehor tekniku impjegat mas-socjeta` konvenuta. Kontro-ezaminat xehed li l-magna in kwistjoni kienet iccaqalqitilha c-cinga. Spjega li x-xoghol ta' aggustament tac-cinga isir manwalment. Waqt it-

tiswija ma kienx prezenti il-hin kollu pero` kien diehel u hiereg mill-kamra u wara li ssewwiet il-magna raha qed tahdem, pero` kien jonqosha l-bolts u l-guard. Qal li dak il-hin kien hemm l-attur u Grima hdejn il-magna, izda kontro-ezaminat f'seduta ulterjuri qal li ma jafx jekk dak in-nhar ta' l-incident Grima kienx prezenti;

<u>Konsiderazzjonijiet</u>:

*Responsabbilta tas-socjeta` konvenuta:*

Illi l-espert tekniku li waqt l-access kellu l-opportunita` jinvestiga l-magna ikkonstata li l-magna ghandha xi tletin sena u li llum il-gurnata ma tikkonformax mar-regolamenti ta' sigurta' necessarji fuq magni ta' din ix-xorta. Jirrizulta li l-magna qatt ma ntmesset izda baqghet fl-istat originali taghha bis-safety measures li kellha dak iz-zmien: "*il-livell ta' safety fuq il-magna huwa hafna anqas minn dak li wiehed isib fuq magna simili aktar moderna*"; jidher ghalhekk li s-socjeta` konvenuta ma aggornatx l-impjant fl-interess tal-harsien tas-sahha ta' l-impjegati;

Illi Charles Calleja xehed li Vince Grima suppost kien l-impjegat li kien jiehu hsieb jissorvelja meta jkun hemm bzonn aggustamenti fuq il-magna. Fil-kaz in kwistjoni l-attur jghid li Grima kien qallu biex jiehu hsieb jaghmel l-aggustament hu. "*Jien ikkonsultajt lis-Sur Grima qabel ma bdejt insewwi. Pero` fil-process tat-tiswija jien kont wahdi. Hu kien okkupat band'ohra. Hu ma messhiex il-magna. Ir-rwol tieghu kien biss konsulattiv";*

Illi kif issottometta l-espert legali fir-rapport tieghu, huwa dmir ta' min ihaddem li jassiguna li l-post fejn qed isir ix-xoghol ikun hieles minn sogri ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu evitati. Il-Qorti taqbel mal-espert legali li s-socjeta` konvenuta naqset minn dan l-obbligu minhabba l-fatt li l-magna in kwistjoni ma kinitx tipprovdi livell ta' sigurta accettabbli ghal-lum. (l-espert spjega fir-rapport tieghu id-differenzi fis-*safety techniques* fuq magni aktar moderni li jaghmlu l-istess tip ta' xoghol bhal dik li l-attur kellu incident fuqha, ma' din il-magna ta' l-ahhar). Ghalkemm kellha diversi switches *li* jridu jinxteghlu biex hija tkun tista tiffunzjona, u anke kellha xi *guards* protettivi, l-espert tekniku ikkonstata li l-magna ma tikkonformax ma' dak rikjest mir-regolamenti tas-sigurta illum il-gurnata fir-rigward ta' magni ta' din ix-xorta;

Illi di piu, ma jirrizultax li l-imghallem Grima kien fuq il-post waqt li l-attur kien qed jirrangaha. .Jidher li l-attur thalla jirranga l-magna wahdu minghajr ebda sorveljanza, meta xoghlu kien ta' *binder u* mhux ta' *mechanic;*

*Responsabbilta ta' l-attur:*

Illi l-espert legali ikkonkluda li l-agir ta' l-attur ikkontribwixxa ghall-incident. L-espert tekniku ssottometta li huwa improbabbli li wiehed jolqot il-*mobile switch* b'mod accidentali, kif qal li gara l-attur, u li dan jixghel wahdu. "*Is-switch li rrefera ghalih l-attur li huwa laqat incidentalment huwa tat-tip flush push switch u*

*ghalhekk anke jekk jintlaqat incidentalment difficli hafna jigi ON wahdu."* Minkejja li l-i*switch* ta' mal-hajt u l-i*switches* tal-magna u l-*mobile switch* kienu mixghulin, huwa ha r-riskju li jdahhal idu bejn il-guard u l-conveyor belt u jnizzilha taht il-*conveyor belt* biex jara jekk il-bolts neqsin kinux nizlu hemm taht. Fil-fatt b'idu issupera l-guard intiza ghall-protezzjoni tieghu u dahhal idu taht *il-conveyor waqt* li l-kurrent kien ghaddej;

Illi l-Qorti taqbel mal-konkluzjoni ta' l-espert legali li l-azzjoni negligenti ta' l-attur ikkontribwixxiet bl-istess mod li ikkontribwixxa n-nuqqas ta' *safety features a*ktar moderni fuq magna bhal dik li kien qed juza l-attur biex sehh l-incident;

*Danni:*

*Damnum emengens:*
Illi in konnessjoni ma' l-incident in kwistjoni ma gew prodotti ebda dokumenti biex juru x'kienu id-danni materjali li sofra l-attur. Sempliciment xehed li ma hadimx ghal sitt xhur;

*Lucrum cessans:*
Illi l-attur esebixxa statement tal-paga ta' qabel u ta' wara l-incident. Fl-1994 kellu paga netta ta' Lm3260 filwaqt li fis-sena 1996 kellu paga ta' Lm3672. (1995 kienet is-sena li fiha ma hadimx ghal sitt xhur). L-espert legali uza paga ta' Lm3400 bhala bazi ta' paga. Ma dan l-ammont jinghaddu Lm220 *bonuses* statutorji u Lm600 ghal xi zidiet. Huwa kkalkula li kellu kapacita

lavorattiva ta' 19-il sena ghalhekk il-*multiplier* tinhadem fuq 19. Skond il-konkluzjoni ta' l-espert mediku id-dizabilita hija ta' 15%: ghalhekk Lm4220 x 19 x 15% twassal ghas-somma ta' Lm12,027. Peress li l-attur jahti ghal hamsin fil-mija ta' l-incident, il-kumpens dovut lilu hu ta' Lm6013. Peress li l-kumpens jithallas bhala *lump sum payment*, mill-istess kumpens generalment jitnaqqsu 20%. L-espert legali, tenut kont tal-fatt li l-kawza ser tigi deciza wara sitt snin, u tenut kont tal-fatt li fl-ewwel tliet snin ma jsirx tnaqqis imbaghad isir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena li ddum il-kawza oltre t-tliet snin, ikkonkluda li ghandu jitnaqqas 6% mill-20%, u cioe` 14%. Ghalhekk l-attur ghandu jigi kkumpensat Lm6013 - 14% = Lm5171.18.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Talba limitatament u tiddikjara li s-socjeta` konvenuta tahti hamsin fil-mija (50%) ghall-incident li sehh fid-19 ta' Gunju 1995;

Tilqa' t-Tieni Talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta' hamest elef mija u wiehed u sebghin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm5171.18);

Tilqa' t-Tielet Talba u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' hamest elef mija u wiehed u sebghin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm5171.18);

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti u bl-imghax ta' sitta mil-mija (6%) jithallsu mis-socjeta` konvenuta mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur